MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-12 ta' Mejju, 2003

Talba Numru. 580/2003

***LLOYDS (MALTA) LIMITED bhala rapprezentanti ex lege***
***ghan-nom tal-membri ta' Llyods li jifformaw is-syndicates***
***bin-numri 1245, 510, 727, 994, 990, 183, 807, 570, 1229 u 780***
***u RAUSI INSURANCE AGENCY LIMITED***

***vs***

***Christine Bonello***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-17 ta' Marzu, 2003, fejn intalab li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici nomine et. s-somma ta' mija u tlieta u tmenin lira Maltin u tmienja u hamsin centezmu (Lm183.58) rappresentanti danni minnha kkawzati fuq il-karozza THF-369,

proprjeta’ ta’ Grace Montanaro, assikurata mill-atturi li huma surrogati fid-drittijiet taghha, waqt li l-konvenuta bi traskuragini u nuqqas ta’ tharis ta’ regolamenti tat-traffiku habtet gol-karozza imsemmija f’ tas-Sliema, nhar it-30 ta’ Mejju 2002 waqt li hi kienet qed issuq il-karozza MOI 190.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta.

Ra li l-konvenuta debitament notifikata baqghet ma dehritx u l-anqas ma pprezentat risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta’ l-avukat Dr. Richard Galea Debono ghan-nom tas-socjeta’ attrici nomine et., li kkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti u cioe’ r-rapport u l-iskizz tal-pulizija in konnessjoni ma’ l-incident mertu tal-kawza, kif ukoll ir-ricevuti tat-tiswijiet effettwati.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici nomine et. s-somma ta’ mija u tlieta u tmenin lira Maltin u tmienja u hamsin centezmu (Lm183.58).

L-ispejjez ta’ dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuta.

-------------------------------TMIEM-------------------------------